MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2004

Numru 490/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfred Mallia)**

**vs**

**MARVIN KEITH FORMOSA**

**Illum, 2 ta' Novembru, 2004.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Marvin Keith Formosa 21 sena bin Victor Francis u Maria Assunta nee' Debono, mwielled l-Ingilterra fit-28/08/1983, residenti 'Carmel', Flat 2, Triq Salvu Psaila, B'Kara u detentur tal-karta ta' l-identita 139788M gie akkuzat:-

Talli fis-27 ta' Novembru 2003 hal habta ta' l-10.00pm gewwa l-Birgu kkommetta serq ta' Mobile Panasonic li l-valur tieghu huwa ta' aktar minn mitt lira (Lm100) ghad-dannu ta' Jonathan Chetcuti minn Balzan liema serq kien ikkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-hin bi ksur tal-art 267, 268 u 270 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AM3 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Alfred Mallia ddikjara li l-imputat irritorna r-refurtiva u li kkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c), (d) u (f), 267, 268, 270, 279 (a), 280 (1) u 281 (b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Marvin Keith Formosa, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta ta' l-imputat, l-eta` ta' l-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Alfred Mallia ddikjara li l-imputat irritorna r-refurtiva u li kkopera mal-Pulizija, tillibera lill-istess imputat Marvin Keith Formosa taht il-Provvediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligjiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mill-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Marvin Keith Formosa l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------